GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM U ASSESSJAR

Heritage Malta

# PROGRAMM T'ATTIVITAJIET TEMATIĊI GĦALL-GRUPPI TAL-KINDERGARTEN GĦAS-SENA 2023/2024

F'kull ġurnata ta' Mejju ser noffru żewġ sessjonijiet, waħda li tibda fid-9.15am u oħra fill-11.00am, filwaqt li f'Ġunju ħa noffru sessjoni waħda li tibda fid-9:30. Kull attività ddum siegħa u nofs. Għal dawn l-attivitajiet qed naċċettaw massimu ta' 20 student f'kull grupp.

L-istudenti ser ikollhom waqfa ta' madwar għoxrin minuta.

Għal kull programm tematiku tinġabar donazzjoni ta' **€1** minn kull student sabiex tkopri l-ispejjeż tal-materjal użat. L-attività tista' tiġi offruta kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.

Ibbukkjar isir permezz ta' dan il-link fejn fih jimtlew id-dettalji tal-parteċipanti: https://schoolbooking.heritagemalta.mt/thematic-events/. Il-booking tiegħek ma jiġix aċċettat sakemm taslilkom email ta' konferma minn Heritage Malta.

Waqt dawn l-attivitajiet se jittieħdu xi ritratti li wara ser jintużaw fuq il-media soċjali ta' Heritage Malta. Hija responsabbiltà tal-edukaturi li javżaw lill-uffiċjali ta' Heritage Malta jekk hemm xi tfal li m'għandhomx permess jidhru fir-ritratti.

Għal aktar informazzjoni ibagħtu email lil Heritage Malta fuq education.heritagemalta@heritagemalta.org.

| Attività | Deskrizzjoni Qasira | Sena | Rabta mal-Kurrikulu | Mużew / Sit | Data |
| --- | --- | --- | --- | --- | --- |
| **K01-23/24**<br>**Nivvjaġġaw lura fiż-żmien**<br><br>**(1 Euro)** | L-attività tikkonsisti f'dawra animata fit-tempji ta' Ħaġar Qim. L-istudenti jkollhom ukoll kaċċa għat-teżor. It-teżor li jsibu ser jużawh sabiex joħolqu oġġetti li raw fl-istess tempju. | Kinder 2 | Żvilupp Intellettwali:<br>Smigħ ta' stejjer,<br>Nesploraw id-dinja li ngħixu fiha,<br>Kreattività fl-arti, Kunċetti storiċi. | It-Tempji ta' Ħaġar Qim, il-Qrendi. | 23, 24, 27, 28, 29, 30, 31 ta' Mejju 2024. |
| **K02-23/24**<br>**L-Annimali ta' Ħal Tarxien**<br><br>**(1 Euro)** | L-attività tikkonsisti f'dawra animata fit-tempji ta' Ħal Tarxien. L-istudenti jkollhom ukoll kaċċa għat-teżor. It-teżor li jsibu ser jużawh sabiex joħolqu oġġetti li raw fl-istess tempju. | Kinder 2 | Żvilupp Intellettwali:<br>Smigħ ta' stejjer,<br>Nesploraw id-dinja li ngħixu fiha,<br>Kreattività fl-arti, Kunċetti storiċi. | It-Tempji ta' Ħal Tarxien, Ħal Tarxien. | 3, 4, 5, 6 ta' Ġunju 2024. |